

2009/2002(BUD)

6.7.2009

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010
(2009/2002(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: xxx

PA_NonLeg

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Introduzzjoni

Din is-sena baġitarja hija r-raba' sena fil-perjodu (2007-2011) tal-Qafas Finanzjarju. L-Abbozz Preliminari tal-Baġit jipproponi żieda fl-appropriazzjonijiet tal-impenji u tal-pagamenti għan-Netwerk Trans-Ewropew għat-Trasport: żieda ta' 9.7% fl-appropriazzjonijiet tal-impenji għat-total tal-linji ta' trasport l-oħra kollha, iżda tnaqqis ta' 8.3% fl-appropriazzjonijiet tal-pagamenti għal dawn il-linji fl-2010. Madankollu, l-indikazzjonijiet preliminari u informali jissuġġerixxu li fl-abbozz tal-baġit tiegħu l-Kunsill ser jimplimenta tnaqqis ġenerali fil-qasam tat-trasport fuq kważi kull linja ta' trasport relatata, inklużi n-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport, Marco Polo II u l-Aġenziji kollha. Għall-Marco Polo II, it-tnaqqis jista' jlaħħaq l-10%.

Jeħtieġ li r-rapporteur tiegħek jenfasizza li tnaqqis estensiv bħal dan fuq kważi kull programm tat-trasport m'huwiex aċċettabbli, mhux l-inqas għax huwa bl-addoċċ, mhux iġġustifikat u ta' dannu kbir għall-implimentazzjoni tal-politika għat-trasport u għal-leġiżlazzjoni tagħha. Huwa jirriżerva d-dritt li jirtira kull tnaqqis li jsir mill-Kunsill fil-livelli tal-Abbozz Preliminari tal-Baġit. Il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu fid-dawl ta' dak irrimarkat hawn fuq.

Netwerks Trans-Ewropej - Trasport

L-Abbozz Preliminari tal-Baġit (APB) imħejji mill-Kummissjoni jipproponi żieda fl-appropriazzjonijiet, kemm tal-impenji u kemm tal-pagamenti, għal din il-linja baġitarja ewlenija.

L-appropriazzjonijiet tal-impenji mistennjin jiżdiedu bi 8.4% (meta nqabblu l-Baġit 2009 mal-APB) għal EUR 998 846 000, u l-appropriazzjonijiet tal-pagamenti mistennjin jiżdiedu bi 18.3% għal EUR 725 000 000. Din iż-żieda, li hija konformi mal-programm ta' investiment maqbul fil-Perspettiva Finanzjarja għall-perjodu 2007-2013, għandha tintlaqa' b'sodisfazzjon. Huwa tabilħaqq importanti li jinżamm dan il-livell ta' investiment, mhux biss biex ikun hemm infrastruttura tat-trasport moderna u sostenibbli fuq ir-rotot Ewropej ewlenin iżda wkoll għax investiment fuq din l-iskala jagħti spinta ekonomika u jgħid li impjiegi f'dan il-perjodu ta' reċessjoni.

Madankollu huwa fatt diżappuntanti li t-tnejn tal-istess proġetti prijoritarji ma tippermettix li ssir nefqa fl-2010, b'mod speċjali l-Proġetti 07 (assi multimodali Spanja/Portugal-Ewropa), 13 (aċċess stradali multimodali Irlanda/Benelux), 14 (linja kostali tal-Punent prinċipali multimodali), 21 (toroq tal-baħar) u 25 (assi tat-triq Gdansk/Brno/Bratislava-Vjenja).

Marco Polo II

Hemm tnaqqis sinifikanti fl-appropriazzjonijiet tal-pagamenti pproposti għall-Marco Polo II fl-APB meta dan tal-aħħar jitqabbel mal-Baġit 2009. L-appropriazzjonijiet tal-pagamenti jinżlu minn EUR 54 182 875 għal EUR 30 000 000 jew b'44.6%. Madankollu ċ-ċifra ta' EUR 30 000 000 tirrappreżenta żieda trippla apparagun man-nefqa reali tal-2008. Jidher li mhux l-appropriazzjonijiet tal-pagamenti kollha għall-Marco Polo II li huma inklużi fil-Baġit 2009 jistgħu jiġu assorbiti u użati b'mod effettiv. Fl-2010 għandha tinbeda evalwazzjoni ta' nofs it-

terminu tal-Marco Polo II.

Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima

L-ammonti pproposti fl-APB 2010 għall-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima (AESM) jirrappreżentaw żieda ġenerali ta' 8.5% fl-approprijazzjonijiet tal-impenji, li tlaħħaq il-EUR 52 449 366, u tnaqqis ta' 8.3% fl-approprijazzjonijiet tal-pagamenti, li jinżlu għal EUR 48 884 480. It-tnaqqis fl-approprijazzjonijiet tal-pagamenti huwa kkaġunat minn tnaqqis fis-somom allokatu għall-miżuri kontra t-tniġġis, li jammontaw għal EUR 4 600 000. L-Aġenzija tqis li dan l-ammont fl-approprijazzjonijiet tal-pagamenti huwa xieraq, għax il-kuntratti finali tal-ħidmiet mhux mitmuma tal-irkupru taż-żejt mistennija jitlestew fit-tieni jew fit-tielet kwart tal-2010, u b'hekk tiġġenera l-ħtieġa tal-approprijazzjonijiet tal-pagamenti fl-2011. L-approprijazzjonijiet tal-impenji għall-miżuri kontra t-tniġġis żdiedu bi 8.5%. L-għadd totali tal-impjegati tal-aġenzija minn 234 żdied għal 242.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-attivitajiet tagħha ta' kontra t-tniġġis, li l-Aġenzija ser tagħmel fl-2010, ser tittratta kif għandu jsir l-aħjar użu mill-approprijazzjonijiet li jifdal fil-pakkett plurijennali.

Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza fl-Avjazzjoni

L-approprijazzjonijiet tal-impenji u tal-pagamenti għall-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (AESA) żdiedu minn EUR 31 540 000 għal EUR 33 497 000, jiġifieri b'6.3%. Is-sussidju mill-baġit tal-UE jirrappreżenta madwar 27% tad-dħul tal-Aġenzija. Jekk l-baġit ġenerali jittqies l-iżjed fattur rilevanti taż-żieda, l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni ser iqumu 46%, jew kważi EUR 8 000 000 iżjed mill-2009. Il-pjan tal-istabbiliment tal-Aġenzija żdied ukoll, minn 506 għal 570. Dawn iż-żewġ żidiet jirriflettu r-responsabilitajiet il-ġodda tal-Aġenzija, minkejja li l-iskeda tal-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni li ġiet adottata dan l-aħħar tfisser li l-impatt finanzjarju ta' dawn ir-responsabilitajiet ser jinħass l-iżjed fl-2011.

Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza tal-Ferrovija

Is-sussidju tal-Unjoni Ewropea għall-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza tal-Ferrovija (AESF) fl-2010 ser jiżdied minn EUR 21 000 000 għal EUR 23 474 000, kemm fl-approprijazzjonijiet tal-impenji u kemm fl-approprijazzjonijiet tal-pagamenti. Għall-ewwel darba l-Aġenzija ser tirreġistra dħul minn kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi terzi. L-ispejjeż operazzjonali ser jiżdiedu kważi bid-doppju filwaqt li l-ispejjeż amministrattivi kurrenti u l-ispejjeż fuq laqgħat u missjonijiet ser jonqsu. Hemm proposta ta' 15-il kariga ġdida għall-ERTMS, għas-sikurezza u għall-ħidma favur ir-rikonoxximent reċiproku. Dan ser ikabbar l-għadd totali tal-istaff minn 139 għal 2010.

Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport

M'hemm l-ebda ħtieġa li ssir xi żieda fil-baġit tal-2010 tal-Aġenzija. Fl-2010 l-baġit ser jibqa' jammonta EUR 9 794 000, kemm fl-approprijazzjonijiet tal-impenji u kemm fl-approprijazzjonijiet tal-pagamenti. Madankollu, peress li ċ-ċifra ta' EUR 305 000 hija effettivament allokata bħala riżerva għall-2009, ser ikun hemm żieda modesta fl-ispiża reali. Fl-2010 l-Aġenzija għandha tilħaq il-massimu tal-għadd tal-istaff tagħha.

Proġetti Pilota u Azzjonijiet Preparatorji

Il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji għandhom ċiklu għat-tlestija u m'għandhomx l-istess kontinwità tal-linji baġitarji l-oħrajn. Il-proġett pilota fuq is-sikurezza fin-netwerk stradali Trans-Ewropew issa wasal fil-fażi tat-tlestija u għalhekk l-ammont ippropost għall-2010 tnaqqas b'mod sostanzjali b'65.6%. Dan jirrappreżenta tnaqqis ta' EUR 570 000 fl-appropriazzjonijiet tal-pagamenti. L-ispiża ġiet allokata fuq l-informazzjoni tal-utenti dwar id-disponibilità u l-kwalità taż-żoni ta' mistrieħ tat-trakkijiet. L-azzjoni preparatorja fuq is-sikurezza tat-trasport transkonfinali u taż-żoni ta' tranżitu tal-fruntiera esterna tal-Grigal ser tintemm fl-2010. L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni mistennija ssir fl-2011.

Bl-istess mod, il-proġetti pilota għad-Destinazzjonijiet Ewropej ta' Eċċellenza, għat-Turiżmu Sostenibbli u għat-Turiżmu Soċjali jinsabu fit-tieni jew fit-tielet sena tagħhom. Sar tnaqqis fl-appropriazzjonijiet tagħhom, kemm f'dawk tal-impenji u kemm f'dawk tal-pagamenti.

Suġġerimenti

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni tiegħu għal rizzoluzzjoni:

1. Iqis li l-Abbozz Preliminari tal-Baġit kif ippropost mill-Kummissjoni jirrappreżenta l-minimu neċessarju biex iżomm il-momentum fl-implimentazzjoni tal-politika u l-liġi tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tat-trasport u t-turiżmu.
2. Jilqa' b'sodisfazzjon l-proposti għal investiment konsistenti fin-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport (TEN-T). Madankollu jiddispjaċih li fl-2010 għadd ta' proġetti tat-TEN-T m'humiex ser jibbenefikaw mill-investment tal-baġit tal-UE, u jinsisti li l-perċezzjoni ta' nuqqas ta' finanzjament fl-ebda stadju m'għandha Titqies bħala pawża fl-implimentazzjoni ta' dawk il-proġetti.
3. Jieħu nota taż-żieda fl-appropriazzjonijiet tal-impenji għall-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima, u jistenna li fiż-żmien opportun dan ikun akkumpanjat b'żieda fl-appropriazzjonijiet tal-pagamenti disponibbli għall-miżuri ta' kontra t-tniġġis.
4. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda fl-appropriazzjonijiet għall-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza fl-Avjazzjoni, iżda jinsisti li l-finanzjament tal-Aġenzija għandu jkun dejjem pari passu mar-responsabilitajiet tagħha.